Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

24 ta’ Marzu 2022*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Armonizzazzjoni ta’ ċerti aspetti tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni – Direttiva 2001/29/KE – Artikolu 2 – Riproduzzjoni – Artikolu 5(2)(b) – Eċċezzjoni ta’ kkoppjar għal użu privat – Kunċett ta’ ‘kull mezz’ – Servers li jappartjenu lil terzi li jiġu magħmula disponibbli għal individwi għal użu privat – Kumpens ġust – Leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tissuġġettax lill-fornituri ta’ servizzi ta’ cloud computing għall-ħlas għall-ikkoppjar għal użu privat”

Fil-Kawża C-433/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Oberlandesgericht Wien (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta’ Vjenna, l-Awstrija), permezz ta’ deċiżjoni tas-7 ta’ Settembru 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-15 ta’ Settembru 2020, fil-proċedura

**Austro-Mechana Gesellschaft zur Wahrnehmung mechanisch-musikalischer Urheberrechte Gesellschaft mbH**

vs

**Strato AG,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn A. Arabadjiev, President tal-Ewwel Awla, li qed jaġixxi bħala President tat-Tieni Awla, I. Ziemele (Relatriċi), T. von Danwitz, P. G. Xuereb u A. Kumin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: G. Hogan,

Reġistratur: V. Giacobbo, Amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-7 ta’ Lulju 2021,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Austro-Mechana Gesellschaft zur Wahrnehmung mechanisch-musikalischer Urheberrechte Gesellschaft mbH, minn M. Walter, Rechtsanwalt,

– għal Strato AG, minn A. Anderl u B. Heinzl, Rechtsanwälte,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

– għall-Gvern Awstrijak, minn J. Schmoll, G. Kunnert u M. Reiter, bħala aġenti,

– għall-Gvern Daniż, minn M. Wolff, V. Jørgensen u J. Nymann-Lindegren, bħala aġenti,

– għall-Gvern Franċiż, minn E. de Moustier, A. Daniel u A.-L. Desjonquères, bħala aġenti,

– għall-Gvern Olandiż, minn M. K. Bulterman u J. Langer, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn T. Scharf, G. von Rintelen u J. Samnadda, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2021,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Austro-Mechana Gesellschaft zur Wahrnehmung mechanisch-mukalischer Urheberrechte Gesellschaft mbH (iktar 'il quddiem "Austro-Mechana"), soċjetà ta' ġestjoni kollettiva tad-drittijiet tal-awtur, u Strato AG, fornitur ta' servizz ta' ħażna fil-cloud, dwar ir-remunerazzjoni dovuta minn dan tal-aħħar bħala d-dritt ta' awtur għall-provvista ta' dan is-servizz.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 Il-premessi 2, 5, 21, 31, 35 u 38 tad-Direttiva 2001/29 jistipulaw:

"(2) Il-Kunsill Ewropew, meta ltaqa' f'Korfu fl-24 u l-25 ta' Ġunju 1994, enfasizza l-ħtieġa li jifforma qafas legali ġenerali u flessibbli f'livell tal-Komunità sabiex jinkoraġġixxi l-iżvilupp tas-soċjetà ta' l-informazzjoni fl-Ewropa. Dan jeħtieġ, fost affarijiet oħra, l-eżistenza ta' suq intern għal prodotti u servizzi ġodda. Leġislazzjoni importanti mill-Komunità [intiża li tistabbilixxi tali qafas regolatorju] diġà teżisti, jew l-adozzjoni tagħha miexja l quddiem sewwa. Id-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati għandhom rwol importanti f'dan il-kuntest għax dawn jipproteġu u jistimulaw l-iżvilupp u l-kummerċ ta' prodotti u servizzi ġodda u l-ħolqien u l-isfruttar tal-kontenut kreattiv tagħhom.

[…]

(5) L-iżvilupp teknoloġiku kabbar u ddiversifika l-gwidi tal-kreazzjoni, il-produzzjoni u l-isfruttament. Filwaqt li m'huma meħtieġa l-ebda kunċetti ġodda għall-protezzjoni ta' proprjetà intellettwali, il-liġi preżenti dwar id-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati għandha tiġi adottata u miżjuda biex tirreaġixxi b'mod adekwat għar-realtajiet ekonomiċi bħal forom ġodda ta' sfruttament.

[…]

(21) Din id-Direttiva għandha tiddefinixxi l-iskop ta' l-atti regolati mid-dritt ta' riproduzzjoni rigward il-benefiċjarji differenti. Dan għandu jsir b'konformità ma' l-acquis communautaire. Tifsira wiesgħa ta' dawn l-atti hija meħtieġa biex tisgura ċertezza legali ġewwa s-suq intern.

[…]

(31) Bilanċ ġust ta' drittijiet u interessi bejn il-kategoriji differenti ta' detenturi ta' drittijiet, kif ukoll bejn il-kategoriji differenti ta' detenturi ta' drittijiet u utentu ta' materjal protett għandhom ikunu salvagwardati. L-eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet eżistenti tad-drittijiet kif stipulati mill-Istati Membri għandhom ikunu stmati mill-ġdid fl-isfond ta' l-ambjent elettroniku ġdid. Differenzi eżistenti fl-eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet ta' ċerti atti ristretti għandhom effetti diretti negattivi fuq il-funzjonament tas-suq intern tad-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati. Dawn id-differenzi jistgħu faċilment isiru aktar notevoli bħala riżultat ta' żvilupp akbar ta' sfruttament ta' xogħolijiet li jaqsam il-fruntieri u attivitajiet transperiferali. Sabiex jiżguraw il-funzjonament sew tas-suq intern, dawn l-eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet għandhom ikunu mfissra aktar armonjożament. Il-grad ta' armonizzazzjoni tagħhom għandu jkun ibbażat fuq l-impatt tagħhom fuq il-funzjonament faċli tas-suq intern.

[…]

(35) F'ċerti każi ta' eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet, detenturi ta' drittijiet għandhom jirċievu kumpens ġust biex jikkumpensawhom b'mod adekwat għall-użu magħmul mix-xogħolijiet protetti tagħhom jew materjal ieħor. Meta jistabilixxu l-forma, l-arranġamenti dettaljati u livell possibbli ta' dan il-kumpens ġust, għandhom jiġu kkunsidrati ċirkustanzi partikolari ta' kull każ. Meta jevalwaw dawn iċ-ċirkustanzi, kriterju validu jista' jkun il-ħsara li tista' ssir lid-detenturi tad-drittijiet li tirriżulta mill-att fil-kwistjoni. Fil-każi fejn id-detenturi tad-drittijiet ikunu diġà rċevew pagament f'xi forma jew oħra, per eżempju bħala parti minn ħlas ta' liċenzja, l-ebda pagament speċifiku jew separat ma jkollu jitħallas. Il-livell ta' kumpens ġust għandu jikkunsidra bis-sħiħ il-grad ta' użu ta' miżuri ta' protezzjoni teknoloġika msemmija f'din id-Direttiva. F'ċerti sitwazzjonijiet fejn il-preġudizzju għad-detentur tad-drittijiet ikun minimu, ma jista' jkun hemm l-ebda obbligu għal ħlas.

[…]

(38) L-Istati Membri għandhom jitħallew jipprovdu għal eċċezzjoni jew limitazzjoni għad-dritt ta' riproduzzjoni għal ċerti tipi ta' riproduzzjoni ta' materjal awdjo, viżiv jew awdjo-viżiv għal użu privat, akkumpanjat b'kumpens ġust. Dan jista' jinkludi l-introduzzjoni jew kontinwazzjoni ta' skemi ta' rimunerazzjoni biex jikkumpensaw għal preġudizzju għal detenturi tad-drittijiet. Għalkemm differenzi bejn dawk l-iskemi ta' rimunerazzjoni jaffettwaw il-funzjonament tas-suq intern, dawk id-differenzi, b'rigward ta' riproduzzjoni

privata analoga, m'għandhomx ikollhom impatt sinifikanti fuq l-iżvilupp tas-soċjetà ta' l-informazzjoni. Ikkupjar privat diġitali huwa aktar faċli li jkun mifrux u jkollu impatt ekonomiku akbar. Għandha għalhekk tittieħed kunsiderazzjoni xierqa dwar id-differenzi bejn ikkupjar diġitali u dak analogu privat u għandha ssir distinzjoni f'ċerti aspetti bejniethom."

4 L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/29, intitolat "Dritt ta' riproduzzjoni", jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jipprovdu għad-dritt esklussiv li jawtorizza jew jipprojbixxi riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti b'kull mezz u f'kull forma, kollha jew parti:

(a) għall-awturi, tax-xogħlijiet tagħhom;

(b) għall-artisti, ta' l-iffissar tal-wirjiet tagħhom;

(ċ) għall-produtturi ta' fonogrammi, tal-fonogrammi tagħhom;

(d) għall-produtturi ta' l-ewwel iffissar ta' films, rigward l-oriġinal u l-kopji tal-films tagħhom;

(e) għall-organizzazzjonijiet tax-xandir, ta' l-iffissar tax-xandiriet tagħhom, sew jekk dawk ix-xandirijiet huma trasmessi bil-fili sew jekk bl-arja, magħduda bil-cable jew bis-satellita."

5 L-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva jipprevedi:

"L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-awturi bid-dritt esklussiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu kull komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħolijiet tagħhom, bil-fili jew mezzi mingħajr fili, inklużi li jagħmlu disponibbli lill-pubbliku x-xogħolijiet tagħhom b'mod li membri tal-pubbliku jistgħu jkollhom aċċess għalihom minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhom."

6 L-Artikolu 5 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet", jippreċiża:

"1. Atti temporanji ta' riproduzzjoni msemmija fl-Artikolu 2, li huma temporanji jew inċidentali, li huma parti integrali u essenzjali tal-proċess teknoloġiku u li l-iskop uniku tagħhom huwa li jkunu jistgħu jsiru:

(a) trasmissjoni f'network bejn partijiet terzi minn intermedju, jew

(b) użu legali

ta' xogħol jew suġġett ieħor li għandu jsir, u li ma jkollhom ebda sinifikat ekonomiku indipendenti, għandhom ikunu eżenti mid-dritt ta' riproduzzjoni provdut fl-Artikolu 2.

2. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet għad-dritt ta' riproduzzjoni provdut fl-Artikolu 2 fil-każi li ġejjin:

(a) rigward riproduzzjonijiet fuq il-karta jew mezz ieħor simili, effettwat mill-użu ta' kull xorta ta' teknika fotografika jew b'xi proċess ieħor li jkollu l-istess effetti, bla ħsara għal mużika fuq il-karta, kemm-il darba li d-detenturi tad-drittijiet jirċievu kumpens ġust;

(b) rigward riproduzzjonijiet ta' kull mezz magħmula minn ċittadin fiżiku għal użu privat u għal skopijiet li huma la direttament u l-anqas indirettament kummerċjali, bil-kondizzjoni li d-detenturi jirċievu kumpens ġust li jikkunsidra li jiġu jew ma jiġux applikati miżuri teknoloġiċi msemmija fl-Artikolu 6 tax-xogħol jew tas-suġġett relatat.

[…]"

### *Id-dritt Awstrijak*

7 L-Artikolu 42b tal-Urheberrechtsgesetz (il-Liġi dwar id-Dritt tal-Awtur) tad-9 ta' April 1936 (BGBl. 111/1936), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali, jipprovdi:

"Jekk, minħabba n-natura ta' xogħol imxandar, impoġġi għad-dispożizzjoni tal-pubbliku jew rrekordjat fuq mezz ta' ħażna prodott għal finijiet kummerċjali, huwa mistenni li jiġi […] riprodott, billi jiġi rrekordjat fuq mezz ta' ħażna, għal użu personali jew privat, allura, l-awtur għandu jkollu dritt għal remunerazzjoni xierqa (remunerazzjoni għall-mezzi ta' ħażna) fil-każ fejn mezzi ta' ħażna ta' kwalunkwe tip, li jistgħu jiġu rrekordjati b'dan il-mod, jitqiegħdu fis-suq fit-territorju nazzjonali għal finijiet kummerċjali.

[…]

(3) Il-persuni li ġejjin għandhom iħallsu r-remunerazzjoni:

1. fir-rigward tar-remunerazzjoni għal mezzi ta' ħażna u ta' apparat, il-persuna li, minn post li jinsab fit-territorju nazzjonali jew barra l-pajjiż, tqiegħed għall-ewwel darba fiċ-ċirkulazzjoni, għal skopijiet kummerċjali, mezzi ta' reġistrazzjoni jew apparat ta' riproduzzjoni […]; hija madankollu eżentata minn kull responsabbiltà l-persuna li, matul simestru, tikseb mezzi ta' ħażna b'tul ta' ħażna li ma jeċċedix 10 000 siegħa jew li hija impriża żgħira […]"

### **Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

8 Austro-Mechana hija soċjetà ta' ġestjoni kollettiva tad-drittijiet tal-awtur li, f'isimha proprju iżda f'kapaċità fiduċjarja fl-interess u għan-nom tal-benefiċjarji, teżerċita b'mod partikolari d-drittijiet legali għar-remunerazzjoni dovuta skont l-Artikolu 42b(1) tal-Liġi dwar id-Drittijiet tal-Awtur, fil-verżjoni tiegħu applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali.

9 Austro-Mechana adixxiet lill-Handelsgericht Wien (il-Qorti Kummerċjali ta' Vjenna, l-Awstrija) b'talba għal digriet li jippermettilha tiffattura kif ukoll titħallas remunerazzjoni għal "mezzi ta' ħażna ta' kull tip", għar-raġuni li Strato tipprovdi servizz lill-klijenti professjonali u privati tagħha, magħruf bl-isem ta' "HiDrive", li permezz tiegħu hija tqiegħed għad-dispożizzjoni tagħhom l-ispazju għall-ħażna fil-kuntest tal-cloud computing.

10 Strato kkontestat it-talbiet imressqa, għar-raġuni li ebda remunerazzjoni ma kienet dovuta għas-servizzi ta' cloud computing. Din il-kumpannija affermat li diġà ħallset fil-Ġermanja, Stat Membru li fih huma miżmuma s-servers tagħha, it-tariffa imposta bħala drittijiet tal-awtur, peress li din it-tariffa ġiet integrata fil-prezz ta' dawn is-servers mill-manifattur jew l-importatur tagħhom. Hija żiedet li l-utenti li jinsabu fl-Awstrija kienu wkoll diġà ħallsu tariffa għat-twettiq ta' kopji privati (iktar' il quddiem il-"ħlas għall-ikkoppjar għal użu privat") fuq l-apparat terminali neċessarju sabiex itellgħu kontenut fil-cloud.

11 Permezz ta' sentenza tal-25 ta' Frar 2020, il-Handelsgericht Wien (il-Qorti Kummerċjali ta' Vjenna) ċaħdet it-talbiet ta' Austro-Mechana, peress li din il-qorti qieset li Strato ma kinitx tittrasferixxi mezzi ta' ħażna lill-klijenti tagħha, iżda kienet tipprovdilhom servizz ta' ħażna online.

12 Austro-Mechana appellat minn din is-sentenza quddiem l-Oberlandesgericht Wien (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Vjenna, l-Awstrija), li tosserva, billi tagħmel riferiment għas-sentenza tad-29 ta' Novembru 2017, VCAST (C-265/16, EU:C:2017:913), li l-kwistjoni dwar jekk il-ħażna ta' kontenut fil-kuntest tal-cloud computing taqax taħt l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29 ma hijiex nieqsa minn inċertezza.

13 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Oberlandesgericht Wien (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Vjenna) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Il-kunċett ta' '[fuq] kull mezz' skont l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva [2001/29] għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi wkoll servers li jappartjenu lil terzi persuni, li jipprovdu spazju għall-ħażna lil individwi (klijenti) għal użu privat (u mhux għal skopijiet kummerċjali diretti jew indiretti), li l-klijenti jużaw biex joħolqu kopji permezz tal-ħażna ('cloud computing')?

2) Jekk ir-risposta hija fl-affermattiv: id-dispożizzjoni ċċitata fl-ewwel domanda għandha tiġi interpretata fis-sens li din tapplika għal leġiżlazzjoni nazzjonali li abbażi tagħha l-awtur għandu dritt għal kumpens xieraq (kumpens għall-mezz tal-ħażna),

– jekk xogħol (imxandar, magħmul disponibbli għall-pubbliku jew maħżun fuq mezz ta' ħażna prodott għal skopijiet kummerċjali) huwa min-natura tiegħu mistenni li jiġi riprodott għal użu personali jew privat billi jinħażen fuq 'mezz ta' ħażna ta' kull tip li huwa xieraq għal tali riproduzzjoni u li huwa kummerċjalment disponibbli fit-territorju nazzjonali',

– u jekk jintuża l-metodu ta' ħażna deskritt fl-ewwel domanda?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ewwel domanda*

14 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-espressjoni "riproduzzjonijiet ta' [fuq] kull mezz", imsemmija f'din id-dispożizzjoni, tkoprix it-twettiq, għal finijiet privati, ta' kopji ta' salvagwardja ta' xogħlijiet protetti mid-drittijiet tal-awtur fuq server li fih żona ta' ħażna titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' utent mill-fornitur ta' servizz tal-cloud computing.

15 Qabelxejn, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29, l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jipprevedu eċċezzjoni jew limitazzjoni għad-dritt ta' riproduzzjoni previst fl-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, "rigward riproduzzjonijiet ta' [fuq] kull mezz magħmula minn ċittadin fiżiku għal użu privat u għal skopijiet li huma la direttament u l-anqas indirettament kummerċjali, bil-kondizzjoni li d-detenturi jirċievu kumpens ġust".

16 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-kwistjoni dwar jekk it-twettiq ta' kopji ta' salvagwardja fi spazju għall-ħażna fil-cloud jikkostitwixxix "riproduzzjoni", fis-sens tal-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29, għandu jiġi rrilevat li l-kunċett ta' "riproduzzjoni" għandu jinftiehem fis-sens wiesa', fid-dawl kemm tar-rekwiżit espress fil-premessa 21 ta' din id-direttiva li l-atti koperti mid-dritt ta' riproduzzjoni jibbenefikaw minn definizzjoni wiesgħa sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali fi ħdan is-suq intern, kif ukoll tal-formulazzjoni tal-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva, li tuża espressjonijiet bħal "diretta jew indiretta", "temporanja jew permanenti", "b'kull mezz" u "f'kull forma". Barra minn hekk, il-portata ta' tali protezzjoni tal-atti koperti mid-dritt ta' riproduzzjoni tirriżulta wkoll mill-għan prinċipali tal-istess direttiva, li huwa li jiġi stabbilit livell għoli ta' protezzjoni favur, b'mod partikolari, l-awturi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, Infopaq International, C-5/08, EU:C:2009:465, punti 40 sa 43).

17 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li l-fatt li xogħol jittella' (upload) minn terminal konness ma' utent fi spazju għall-ħażna fil-cloud mqiegħda għad-dispożizzjoni ta' dan l-utent fil-kuntest ta' servizz tal-cloud computing jimplika t-twettiq ta' riproduzzjoni ta' dan ix-xogħol, peress li dan is-servizz jikkonsisti b'mod partikolari fil-ħażna fil-cloud ta' kopja tiegħu. Barra minn hekk, riproduzzjonijiet oħra ta' dan ix-xogħol jistgħu wkoll jitwettqu, b'mod partikolari meta l-utent jaċċedi, permezz ta' terminal konness, għall-cloud sabiex iniżżel (download), fuq dan it-terminal, xogħol imtella' minn qabel fil-cloud.

18 Minn dan isegwi li t-twettiq ta' kopja ta' salvagwardja ta' xogħol fi spazju għall-ħażna mqiegħed għad-dispożizzjoni ta' utent fil-kuntest ta' servizz tal-cloud computing jikkostitwixxi riproduzzjoni ta' dan ix-xogħol, fis-sens tal-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29.

19 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-kunċett ta' "kull mezz", imsemmi f'din id-dispożizzjoni, ikoprix server li fih spazju għall-ħażna jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' utent mill-fornitur ta' servizz tal-cloud computing għat-twettiq ta' kopji ta' salvagwardja ta' xogħlijiet protetti mid-drittijiet tal-awtur, għandu jiġi rrilevat li dan il-kunċett ma huwiex iddefinit f'din id-direttiva u ma jinkludix riferiment għad-dritt tal-Istati Membri sabiex tiġi ddefinita l-portata tiegħu.

20 Konformement ma' ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, mir-rekwiżit ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni jirriżulta li, sa fejn dispożizzjoni ta' dan tal-aħħar ma tagħmilx riferiment għad-dritt tal-Istati Membri fir-rigward ta' kunċett partikolari, dan tal-aħħar għandu jsib, fl-Unjoni kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi li għandha tkun imfittxija billi jitqiesu mhux biss il-kliem tad-dispożizzjoni kkonċernata, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni li din id-dispożizzjoni tagħmel parti minnha (sentenza tat-8 ta' Marzu 2018, DOCERAM, C-395/16, EU:C:2018:172, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21 L-ewwel, għandu jiġi rrilevat li, skont is-sens wiesa' tagħhom, il-kliem "kull mezz" jirreferi għall-mezzi kollha li fuqhom xogħol protett jista' jiġi riprodott, inklużi servers bħal dawk użati fil-kuntest tal-cloud computing.

22 Fil-fatt, peress li l-formulazzjoni tal-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29 ma tippreċiża bl-ebda mod il-karatteristiċi tal-mezzi li minnhom jew li bl-għajnuna tagħhom isiru l-kopji għal użu privat, għandu jitqies li l-leġiżlatur tal-Unjoni qies li dawn ma humiex rilevanti fid-dawl tal-għan li huwa fittex li jilħaq mix-xogħol tiegħu ta' armonizzazzjoni parzjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Marzu 2015, Copydan Båndkopi, C-463/12, EU:C:2015:144, punti 86 u 88).

23 Għalhekk, ma hijiex determinanti, f'dan ir-rigward, iċ-ċirkustanza li l-ispazju għall-ħażna jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' utent fuq server li jappartjeni lil terz (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Marzu 2015, Copydan Båndkopi, C-463/12, EU:C:2015:144, punt 89). Minn dan isegwi li l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29 jista' japplika wkoll għal riproduzzjonijiet magħmula minn persuna fiżika bl-għajnuna ta' mezz li jappartjeni lil terz.

24 It-tieni, din l-interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "kull mezz" hija kkorroborata mill-kuntest li fih tidħol din id-dispożizzjoni u, b'mod partikolari, mill-paragun tal-formulazzjoni tal-eċċezzjoni msemmija fl-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29, li bl-ebda mod ma tippreċiża l-karatteristiċi tal-mezzi li minnhom jew li bl-għajnuna tagħhom isiru l-kopji għal użu privat, ma' dik tal-eċċezzjoni għad-dritt ta' riproduzzjoni prevista fl-Artikolu 5(2)(a) tal-imsemmija direttiva. Filwaqt li din tal-aħħar tapplika għar-"riproduzzjonijiet fuq il-karta jew mezz ieħor simili", l-eċċezzjoni għall-ikkoppjar għal użu privat hija applikabbli għar-"riproduzzjonijiet ta' [fuq] kull mezz" (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-27 ta' Ġunju 2013, VG Wort *et*, C-457/11 sa C-460/11, EU:C:2013:426, punt 65, kif ukoll tal-5 ta' Marzu 2015, Copydan Båndkopi, C-463/12, EU:C:2015:144, punti 85 u 86).

25 It-tielet, f'dak li jirrigwarda l-għanijiet tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni, mill-premessi 2 u 5 tad-Direttiva 2001/29 isegwi li din hija intiża sabiex toħloq qafas ġenerali u flessibbli fil-livell tal-Unjoni sabiex tiffavorixxi l-iżvilupp tas-soċjetà tal-informazzjoni u tadatta u tikkompleta r-regoli attwali fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet relatati sabiex tieħu inkunsiderazzjoni l-evoluzzjoni teknoloġika, li ħolqot forom ġodda ta' sfruttament ta' xogħlijiet protetti (sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Nederlands Uitgeversverbond u Groep Algemene Uitgevers, C-263/18, EU:C:2019:1111, punt 47 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

26 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà enfasizzat, fir-rigward tal-eċċezzjoni obbligatorja msemmija fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2001/29, li l-eżenzjoni prevista minn din id-dispożizzjoni għandha tirrendi possibbli u tiżgura l-iżvilupp u l-funzjonament ta' teknoloġiji ġodda, kif ukoll iżżomm bilanċ ġust bejn id-drittijiet u l-interessi ta' detenturi ta' drittijiet u ta' utenti ta' xogħlijiet protetti li jixtiequ jibbenefikaw minn dawn it-teknoloġiji (sentenza tal-5 ta' Ġunju 2014, Public Relations Consultants Association, C-360/13, EU:C:2014:1195, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 Tali interpretazzjoni, li tikkonforma mal-prinċipju ta' newtralità teknoloġika, skont liema l-liġi għandha tistipula d-drittijiet u l-obbligi tal-persuni b'mod ġeneriku, sabiex ma tipprivileġġjax l-użu ta' teknoloġija b'detriment ta' oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' April 2021, Eutelsat, C-515/19, EU:C:2021:273, punt 48), għandha tiġi aċċettata wkoll fid-dawl tal-eċċezzjoni fakultattiva msemmija fl-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29, bħalma rrileva, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punt 36 tal-konklużjonijiet tiegħu.

28 Fil-fatt, it-twettiq tal-għan, imfakkar fil-punt 25 ta' din is-sentenza, li jiġi evitat li l-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur fl-Unjoni tinqabeż jew tiġi obsolita minħabba l-evoluzzjoni teknoloġika u l-ħolqien ta' forom ġodda ta' sfruttament ta' kontenut protett mid-drittijiet tal-awtur, li jirriżulta mill-premessa 5 tad-Direttiva 2001/29, ikun kompromess jekk l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur li, skont il-premessa 31 ta' din id-direttiva, ġew adottati fid-dawl tal-ambjent elettroniku ġdid, jiġu interpretati b'tali mod li jkollhom bħala effett li jiġi eskluż it-teħid inkunsiderazzjoni simili ta' dawn l-iżviluppi teknoloġiċi u l-ħolqien b'mod partikolari ta' mezzi diġitali u servizzi tal-cloud computing.

29 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemmx lok, minn perspettiva funzjonali, li ssir distinzjoni, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29, skont liema r-riproduzzjoni ta' xogħol protett issir fuq server li fih spazju għall-ħażna jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' utent mill-fornitur ta' servizz ta' cloud computing jew li tali riproduzzjoni ssir fuq mezz ta' ħażna fiżika li jappartjeni lil dan l-utent.

30 Għaldaqstant, għandu jitqies li l-kunċett ta' "kull mezz", imsemmi fl-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29, ikopri server li fih spazju għall-ħażna jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' utent mill-fornitur ta' servizz ta' cloud computing.

31 Din il-konklużjoni ma hijiex ikkontestata mill-argument tal-Kummissjoni Ewropea li t-twettiq ta' kopja ta' salvagwardja fil-cloud ma huwiex iżolat minn eventwali atti ta' komunikazzjoni, b'tali mod li tali att, abbażi tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenzi tad-29 ta' Novembru 2017, VCAST (C-265/16, EU:C:2017:913), u tad-19 ta' Diċembru 2019, Nederlands Uitgeversverbond u Groep Algemene Uitgevers (C-263/18, EU:C:2019:1111), għandu jaqa' taħt l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29. Fil-fatt, il-kawża prinċipali hija distinta minn dawk li taw lok għas-sentenzi li l-Kummissjoni tibbaża ruħha fuqhom. Minn naħa, il-kawża li tat lok għas-sentenza tad-29 ta' Novembru 2017, VCAST (C-265/16, EU:C:2017:913), kienet tikkonċerna servizz b'funzjonalità doppja, jiġifieri mhux biss riproduzzjoni fil-cloud, iżda wkoll, simultanjament jew kważi simultanjament, komunikazzjoni lill-pubbliku. Min-naħa l-oħra, il-kawża li tat lok għas-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Nederlands Uitgeversverbond u Groep Algemene Uitgevers (C-263/18, EU:C:2019:1111), kienet tikkonċerna l-provvista minn klabb ta' servizz online li jikkonsisti f'suq virtwali ta' kotba elettroniċi "użati", li fil-kuntest tiegħu xogħlijiet protetti tqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' kull persuna li rreġistrat ruħha fis-sit internet ta' dan il-klabb, b'dawn il-persuni jkun jista' jkollhom aċċess għalih mill-post u fil-mument li huma jagħżlu individwalment, liema servizz ikollu jitqies bħala komunikazzjoni lill-pubbliku, fis-sens tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva.

32 Fi kwalunkwe każ, kull komunikazzjoni li tirriżulta mill-qsim ta' xogħol mill-utent ta' servizz ta' ħażna fil-cloud tikkostitwixxi att ta' sfruttament distint mill-att ta' riproduzzjoni msemmi fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2001/29, li jista' jaqa' taħt l-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva, jekk il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jkunu ssodisfatti.

33 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-espressjoni "riproduzzjonijiet ta' [fuq] kull mezz", imsemmija f'din id-dispożizzjoni, tkopri t-twettiq, għal finijiet privati, ta' kopji ta' salvagwardja ta' xogħlijiet protetti mid-drittijiet tal-awtur fuq server li fih spazju għall-ħażna jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' utent mill-fornitur ta' servizz tal-cloud computing.

### *Fuq it-tieni domanda*

34 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, għalkemm mill-formulazzjoni tat-tieni domanda jsegwi li din tirrigwarda formalment il-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29 "japplikax" għal leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jiġi kkonstatat, fid-dawl tal-motivi tat-talba għal deċiżjoni preliminari, li l-qorti tar-rinviju tfittex, essenzjalment, li tiddetermina jekk din id-dispożizzjoni tipprekludix li leġiżlazzjoni li timplimenta l-eċċezzjoni għall-ikkoppjar għal użu privat imsemmija f'din id-dispożizzjoni, ma tissuġġettax lill-fornituri ta' servizzi ta' ħażna fil-kuntest tal-cloud computing għall-ħlas ta' kumpens ġust.

35 Għalhekk, permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li ttrasponiet l-eċċezzjoni msemmija f'din id-dispożizzjoni, li ma tissuġġettax lill-fornituri ta' servizzi ta' ħażna fil-kuntest tal-cloud computing għall-ħlas ta' kumpens ġust, abbażi tat-twettiq mingħajr awtorizzazzjoni ta' kopji ta' salvagwardja ta' xogħlijiet protetti mid-drittijiet tal-awtur minn persuni fiżiċi, utenti ta' dawn is-servizzi, għal użu privat jew għal finijiet mhux direttament jew indirettament kummerċjali.

36 Fil-punt 15 ta' din is-sentenza tfakkar li, skont l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29, l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jipprevedu eċċezzjoni jew limitazzjoni għad-dritt esklużiv ta' riproduzzjoni previst fl-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, fil-każ ta' riproduzzjonijiet fuq kull mezz magħmula minn persuni fiżiċi għal użu privat u għal skopijiet mhux direttament jew indirettament kummerċjali, bil-kundizzjoni li d-detenturi ta' dan id-dritt esklużiv jirċievu kumpens ġust li jieħu inkunsiderazzjoni l-miżuri teknoloġiċi msemmija fl-Artikolu 6 tal-imsemmija direttiva.

37 Bħalma jsegwi mill-premessi 35 u 38 tad-Direttiva 2001/29, l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29 jirrifletti r-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jistabbilixxi sistema partikolari ta' kumpens li l-implimentazzjoni tagħha tiskatta bl-eżistenza ta' dannu kkawżat lid-detenturi ta' drittijiet, li jagħti lok, bħala prinċipju, għall-obbligu li dawn tal-aħħar jiġu kkumpensati (sentenza tat-22 ta' Settembru 2016, Microsoft Mobile Sales International *et*, C-110/15, EU:C:2016:717, punt 26 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

38 Minn dan isegwi li, meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jimplimentaw l-eċċezzjoni għall-ikkoppjar għal użu privat prevista mill-imsemmija dispożizzjoni fid-dritt intern tagħhom, huma obbligati, b'mod partikolari, li jipprevedu l-ħlas ta' kumpens ġust, għall-benefiċċju tad-detenturi ta' drittijiet (sentenza tad-9 ta' Ġunju 2016, EGEDA *et*, C-470/14, EU:C:2016:418, punt 20 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Bħalma jsegwi mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istat Membru li jkun introduċa tali eċċezzjoni fid-dritt nazzjonali tiegħu għandu, f'dan ir-rigward, obbligu ta' riżultat, fis-sens li dan l-Istat huwa obbligat jiżgura, konformement mal-ġurisdizzjoni territorjali tiegħu, il-ġbir effettiv tal-kumpens ġust bħala kumpens għad-danni subiti mid-detenturi tad-dritt esklużiv ta' riproduzzjoni minħabba r-riproduzzjoni ta' xogħlijiet protetti mwettqa minn utenti finali li jirrisjedu fit-territorju tal-imsemmi Stat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' April 2016, Austro-Mechana, C-572/14, EU:C:2016:286, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 It-twettiq ta' kopja minn persuna fiżika li taġixxi f'kapaċità privata, mingħajr ma titlob l-awtorizzazzjoni minn qabel tad-detentur tad-dritt esklużiv ta' riproduzzjoni ta' xogħol protett, għandu, fil-fatt, jitqies bħala att ta' natura li jikkawża dannu għall-imsemmi detentur (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Ġunju 2011, Stichting de Thuiskopie, C-462/09, EU:C:2011:397, punt 26, u tal-5 ta' Marzu 2015, Copydan Båndkopi, C-463/12, EU:C:2015:144, punt 22 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

40 Għalhekk, sa fejn, minn naħa, bħalma jirriżulta mir-risposta għall-ewwel domanda, l-espressjoni "riproduzzjonijiet ta' [fuq] kull mezz", imsemmija fl-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29, tkopri t-twettiq, għal finijiet privati, ta' kopji ta' salvagwardja ta' xogħlijiet protetti mid-drittijiet tal-awtur fuq server li fih spazju għall-ħażna jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' utent mill-fornitur ta' servizz ta' cloud computing u, min-naħa l-oħra, ir-riproduzzjonijiet inkwistjoni jitwettqu minn persuna fiżika għal użu privat u għal finijiet mhux direttament jew indirettament kummerċjali, li huwa

għall-qorti tar-rinviju li tivverifika, għandu jitqies li l-Istati Membri li jimplimentaw l-eċċezzjoni msemmija f'din id-dispożizzjoni huma obbligati jipprevedu sistema ta' kumpens ġust intiża sabiex tikkumpensa lid-detenturi ta' drittijiet, konformement mal-imsemmija dispożizzjoni.

41 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, sa fejn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/29 ma jispeċifikawx id-diversi elementi tas-sistema ta' kumpens ġust, l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesa' sabiex jiddefinixxuhom. Huma b'mod partikolari l-Istati Membri li għandhom jiddeterminaw il-persuni li għandhom iħallsu dan il-kumpens, kif ukoll jiffissaw il-forma, il-modalitajiet u l-livell tal-imsemmi kumpens (sentenzi tal-21 ta' April 2016, Austro-Mechana, C-572/14, EU:C:2016:286, punt 18, u tat-22 ta' Settembru 2016, Microsoft Mobile Sales International *et*, C-110/15, EU:C:2016:717, punt 27 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

42 Kif tfakkar il-premessa 35 tad-Direttiva 2001/29, huma l-Istati Membri li għandhom, matul din id-determinazzjoni, jieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi speċifiċi għal kull każ (sentenza tal-11 ta' Lulju 2013, Amazon.com International Sales *et*, C-521/11, EU:C:2013:515, punt 22).

43 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, il-persuna responsabbli għall-ħlas tal-kumpens ġust, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li fil-prinċipju hija l-persuna li tagħmel l-ikkoppjar għal użu privat li għandha tikkumpensa d-dannu marbut ma' din ir-riproduzzjoni, billi tiffinanzja l-kumpens li għandu jingħata lid-detentur tad-drittijiet tal-awtur (sentenzi tal-21 ta' Ottubru 2010, Padawan, C-467/08, EU:C:2010:620, punt 45; tal-5 ta' Marzu 2015, Copydan Båndkopi, C-463/12, EU:C:2015:144, punt 22, kif ukoll tat-22 ta' Settembru 2016, Microsoft Mobile Sales International *et*, C-110/15, EU:C:2016:717, punt 30). Għalhekk, fir-rigward tal-offerta ta' servizzi ta' ħażna fil-kuntest tal-cloud computing, huwa, bħala prinċipju, l-utent ta' dawn is-servizzi li għandu jiffinanzja l-kumpens imħallas lil dan id-detentur.

44 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fid-dawl tad-diffikultajiet prattiċi sabiex jiġu identifikati l-utenti privati kif ukoll sabiex jiġu obbligati jikkumpensaw lid-detenturi tad-drittijiet għad-dannu li joħolqulhom u fid-dawl tal-fatt li d-dannu li jista' jirriżulta minn kull użu privat, meqjus individwalment, jista' jkun minimu u, għaldaqstant, ma jagħtix lok għal obbligu ta' ħlas, huwa possibbli għall-Istati Membri li jistabbilixxu, għall-finijiet tal-finanzjament tal-kumpens ġust, ħlas għall-ikkoppjar għal użu privat impost mhux fuq il-persuni privati kkonċernati, iżda fuq dawk li jkollhom tagħmir, apparat u mezzi ta' riproduzzjoni diġitali u li, għalhekk, fid-dritt jew fil-fatt, ipoġġu dan it-tagħmir għad-dispożizzjoni ta' persuni privati jew jagħtu lil dawn tal-aħħar servizz ta' riproduzzjoni. Fil-kuntest ta' tali sistema, huma l-persuni li għandhom l-imsemmi tagħmir li għandhom jagħmlu l-ħlas għall-ikkoppjar għal użu privat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Ottubru 2010, Padawan, C-467/08, EU:C:2010:620, punt 46; tal-5 ta' Marzu 2015, Copydan Båndkopi, C-463/12, EU:C:2015:144, punt 23, kif ukoll tat-22 ta' Settembru 2016, Microsoft Mobile Sales International *et*, C-110/15, EU:C:2016:717, punt 31).

45 F'dan r-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, peress li l-imsemmija sistema tippermetti lill-persuni responsabbli għall-ħlas li jgħaddu l-ammont tal-ħlas għall-ikkoppjar għal użu privat fuq il-prezz tat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' dan l-istess tagħmir, apparati u mezzi ta' riproduzzjoni jew fuq il-prezz tas-servizz ta' riproduzzjoni mogħti, ir-responsabbiltà għall-ħlas hija finalment sostnuta mill-utent privat li jħallas dan il-prezz, u dan konformement mal-"bilanċ ġust", imsemmi fil-premessa 31 tad-Direttiva 2001/29, li għandu jintlaħaq bejn l-interessi tad-detenturi tad-dritt esklużiv ta' riproduzzjoni u dawk tal-utenti ta' oġġetti protetti (sentenza tat-22 ta' Settembru 2016, Microsoft Mobile Sales International *et*, C-110/15, EU:C:2016:717, punt 33).

46 Minn dan isegwi li, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, l-istabbiliment ta' sistema ta' kumpens ġust li fiha l-produttur jew l-importatur tas-servers, li permezz tagħhom is-servizzi ta' cloud computing jiġu offruti lil persuni privati, huwa marbut jagħmel il-ħlas għall-ikkoppjar għal użu privat, peress li dan il-ħlas huwa mgħoddi ekonomikament fuq ix-xerrej ta' tali servers, flimkien mal-iffissar ta' ħlas għall-ikkoppjar għal użu privat fuq il-mezzi inklużi fil-mezzi konnessi li jippermettu li jsiru kopji ta' oġġetti protetti f'żona ta' ħażna fil-kuntest tal-cloud computing, bħall-mobiles, il-kompjuters u t-tablets, jaqa' taħt il-marġni ta' evalwazzjoni rrikonoxxut lil-leġiżlatur nazzjonali sabiex jistabbilixxi d-diversi elementi tas-sistema ta' kumpens xieraq, kif imfakkar fil-punt 41 ta' din is-sentenza.

47 Madankollu, hija l-qorti nazzjonali li għandha tiżgura, konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tas-sistema nazzjonali u tal-limiti imposti mid-Direttiva 2001/29, li l-implimentazzjoni ta' tali sistema hija ġġustifikata minn diffikultajiet prattiċi marbuta mal-identifikazzjoni tal-utenti finali jew ma' diffikultajiet oħra simili u li l-persuni responsabbli għall-ħlas ikollhom dritt għar-rimbors ta' dan il-ħlas meta dan ma jkunx dovut (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Settembru 2016, Microsoft Mobile Sales International *et*, C-110/15, EU:C:2016:717, punti 34 u 35 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

48 Fir-rigward tal-provvista ta' servizzi ta' ħażna fil-kuntest tal-informatika fil-cloud, għandu jiġi kkunsidrat, f'dan ir-rigward, bħalma rrileva essenzjalment il-Gvern Daniż, li tali diffikultajiet jistgħu jirriżultaw min-natura demateriajlizzata ta' tali servizzi, li jistgħu jiġu proposti minn Stati Membri differenti minn dak ikkonċernat jew minn Stati terzi, li jinkludu b'mod ġenerali l-possibbiltà, għall-utent, li jbiddel fuq rieda tiegħu, b'mod evoluttiv u dinamiku, id-daqs tal-ispazju għall-ħażna li jista' jintuża għat-twettiq ta' kopji privati.

49 Fit-tieni lok, f'dak li jirrigwarda l-forma, il-modalitajiet u l-livell tal-kumpens ġust, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li dan il-kumpens kif ukoll, għaldaqstant, is-sistema li fuqha huwa bbażat u l-livell tiegħu għandhom ikunu marbuta mad-dannu kkawżat lid-detenturi tad-drittijiet minħabba t-twettiq ta' kopji privati (sentenzi tal-5 ta' Marzu 2015, Copydan Båndkopi, C-463/12, EU:C:2015:144, punt 21, u tat-22 ta' Settembru 2016, Microsoft Mobile Sales International *et*, C-110/15, EU:C:2016:717, punt 28 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

50 Fil-fatt, kull kumpens ġust li ma jkunx marbut mad-dannu kkawżat lid-detenturi tad-drittijiet minħabba tali twettiq ma jkunx kompatibbli mar-rekwiżit, stabbilit fil-premessa 31 tad-Direttiva 2001/29, li jipprovdi li għandu jinżamm bilanċ ġust bejn id-detenturi tad-drittijiet u l-utenti ta' oġġetti protetti (sentenzi tat-12 ta' Novembru 2015, Hewlett-Packard Belgium, C-572/13, EU:C:2015:750, punt 86, kif ukoll tat-22 ta' Settembru 2016, Microsoft Mobile Sales International *et*, C-110/15, EU:C:2016:717, punt 54).

51 F'dan il-każ, kif ġie rrilevat fil-punt 17 ta' din is-sentenza, il-kopja ta' xogħlijiet protetti fi spazju għall-ħażna fil-kuntest tal-cloud computing teħtieġ it-twettiq ta' diversi atti ta' riproduzzjoni, li jistgħu jsiru minn numru kbir ta' terminals konnessi.

52 Issa, kif enfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punt 71 tal-konklużjonijiet tiegħu, sa fejn it-tqegħid online u t-tniżżil ta' kontenut protett mid-drittijiet tal-awtur waqt l-użu ta' servizzi ta' ħażna fil-kuntest tal-cloud computing jistgħu jitqiesu bħala proċess uniku għall-finijiet ta' kopji privati, l-Istati Membri jistgħu, fid-dawl tal-marġni ta' diskrezzjoni wiesa' li għandhom, imfakkra fil-punti 41 u 46 ta' din is-sentenza, jistabbilixxu sistema li fiha jitħallas kumpens ġust biss għall-apparat u l-mezzi li jikkostitwixxu element neċessarju ta' dan il-proċess, sakemm tali kumpens ikun jista'

raġjonevolment jitqies li jikkorrispondi mad-dannu potenzjali subit mid-detentur tad-dritt tal-awtur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2013, VG Wort *et*, C-457/11 sa C-460/11, EU:C:2013:426, punt 78).

53 F'dan il-kuntest, għalkemm huwa possibbli għall-Istati Membri li jieħdu inkunsiderazzjoni, fl-iffissar tal-ħlas għall-ikkoppjar għal użu privat, iċ-ċirkustanza li ċertu apparat u mezzi jistgħu jintużaw sabiex isiru kopji privati fil-kuntest tal-cloud computing, huma għandhom jiżguraw ruħhom li l-ħlas hekk magħmul, sa fejn jolqot diversi apparati u mezzi fil-kuntest tal-imsemmi proċess uniku, ma jeċċedix id-dannu potenzjali mġarrab mid-detenturi tad-drittijiet minħabba l-att inkwistjoni, kif tfakkar il-premessa 35 tad-Direttiva 2001/29.

54 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li ttrasponiet l-eċċezzjoni msemmija f'din id-dispożizzjoni, li ma tissuġġettax lill-fornituri ta' servizzi ta' ħażna fil-kuntest tal-cloud computing għall-ħlas ta' kumpens ġust, għat-twettiq mingħajr awtorizzazzjoni ta' kopji ta' salvagwardja ta' xogħlijiet protetti mid-drittijiet tal-awtur minn persuni fiżiċi, utenti ta' dawn is-servizzi, għal użu privat u għal finijiet mhux direttament jew indirettament kummerċjali, sa fejn din il-leġiżlazzjoni tipprevedi l-ħlas ta' kumpens ġust għall-benefiċċju tad-detenturi ta' drittijiet.

**Fuq l-ispejjeż**

55 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-espressjoni "riproduzzjonijiet ta' [fuq] kull mezz", imsemmija f'din id-dispożizzjoni, tkopri t-twettiq, għal finijiet privati, ta' kopji ta' salvagwardja ta' xogħlijiet protetti mid-drittijiet tal-awtur fuq server li fih spazju għall-ħażna jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' utent mill-fornitur ta' servizz tal-cloud computing.**

2) **L-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li ttrasponiet l-eċċezzjoni msemmija f'din id-dispożizzjoni, li ma tissuġġettax lill-fornituri ta' servizzi ta' ħażna fil-kuntest tal-cloud computing għall-ħlas ta' kumpens ġust, għat-twettiq mingħajr awtorizzazzjoni ta' kopji ta' salvagwardja ta' xogħlijiet protetti mid-drittijiet tal-awtur minn persuni fiżiċi, utenti ta' dawn is-servizzi, għal użu privat u għal finijiet mhux direttament jew indirettament kummerċjali, sa fejn din il-leġiżlazzjoni tipprevedi l-ħlas ta' kumpens ġust għall-benefiċċju tad-detenturi ta' drittijiet.**

Firem